Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 126 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Aġenziji tal-Ivvjaġġar u l-Assikurazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u l-Assikurazzjoni.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha f'kwalunkwe impriża jew parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għalkollox jew prinċipalment fil-forniment ta' servizzi relatati mal-ivvjaġġar, inkluża merkanzija bil-baħar jew bl-ajru, jew attivitajiet ta' assikurazzjoni jew estate agency u impjieg għal għassiesa, operaturi tat-telefon u persuni oħra impjegati minn aġenti tal-vapuri, aġenti tal-ivvjaġġar, jew kuntratturi abbord ta' vapuri waqt li jkunu fl-ibħra territorjali ta' Malta:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"Direttur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" fil-każ ta' impjegati bix-xift ta' billejl tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi, u fil-każijiet l-oħra kollha, tfisser perjodu li jibda jgħodd minn 12:00 a.m. ta' ġurnata sa 12:00 a.m tal-ġurnata ta' wara;

"ħin doppju" tfisser darbtejn ir-rata tal-ħin attwali li tapplika għall-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata tal-ħin attwali li tapplika għall-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat industrjali" tfisser impjegat li jagħmel għal kollox jew prinċipalment xogħlijiet manwali jew ta' fattiga u tinkludi messaġġiera, handymen, fattigi u għassiesa;

"impjegat mhux industrjali" tfisser impjegat li jagħmel għal kollox jew prinċipalment xogħlijiet ta' skrivan u jinkludi booking-clerk, accounts-clerk, shed-clerk, shorthand-typist, operatur tat-telefon, tajpist tat-telefon, reservation u sales clerk, u tinkludi wkoll kurrier jew rappreżentant;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-pretazzjoni jew mal-produzzjoni;

L.S. 452.87.

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"sena kalendarja" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il xahar li

jibda mill-1 ta' Jannar u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru;

"xift billejl" tfisser kwalunkwe perjodu ta' impjieg li jinkludi kwalunkwe ħinijiet mill-10.00 p.m. ta' ġurnata sas-6.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara.

(2) Sabiex jiġu kkalkolati s-sigħat medji ta' xogħol kull ġimgħa għall-finijiet ta' dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandu jittieħed akkont tal-perjodu ta' impieg mhux interrott matul is-sena kalendarja partikolari.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. (1) Fir-rigward ta' impjegati whole-time mhux industrjali:

(a) il-paga minima fil-ġimgħa ta' impjegati whole-time mhux industrjali, għajr kurrier jew rappreżentant għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem mit-Tnejn sas-Sibt ta' mhux aktar minn erbgħin (40) siegħa xogħol, eskluża s-sahra, kkalkolati fuq bażi ta' medja matul sena (1) kalendarja b'mod li l-impjegat għandu jkollu ġurnata libera mix-xogħol mit-Tnejn sas-Sibtinklużi, diment li fil-ġurnata tas-Sibt ix-xogħol normali għandu jitwettaq sas-1.00 p.m;

(b) fil-każ ta' kurrier jew rappreżant il-ġimgħa tax-xogħol għandha tkun ta' erbgħin (40) siegħa mifruxa fuq ġimgħa ta' sitt (6) ijiem mit-Tnejn sal-Ħadd.

(2) Il-paga minima fil-ġimgħa ta' impjegati whole-time industrjali, għajr għassiesa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħin (40) siegħa xogħol, eskluża s-sahra, kkalkolati fuq bażi ta' medja matul sena (1) kalendarja.

(3) Il-paga minima fil-ġimgħa ta' għassiesa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa xogħol, u l-ebda għassies ma għandu jiġi mħaddem għal aktar minn tmienja u erbgħin siegħa (48) f'ġimgħa waħda (1).

(4) L-orarju li jkopri perjodu ta' sena kalendarja għall-kategoriji kollha jew għal kategoriji differenti ta' impjegati fl-istess stabbiliment, skont il-każ, għandu jiġi sottomess bil-miktub, b'ittra reġistrata lid-Direttur u għandu, meta jiġi hekk notifikat u kemm-il darba jkun jikkonforma għalkollox mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni u mar-rekwiżiti ta' kwalunkwe liġi oħra, jikkostitwixxi l-ħinijiet normali tax-xogħol fl-istabbiliment:

Iżda:

(a) sakemm dak l-orarju jingħata lid-Direttur kif

imsemmi qabel, il-ħinijiet normali ta' xogħol fl-istabbiliment għandhom ikunu ta' erbgħin (40) siegħa f'kwalunkwe ġimgħa waħda (1); u

(b) kwalunkwe tibdil f'tali orarju għandu jsir mill-prinċipal wara pre-avviż bil-miktub dwar tali bidliet lid-Direttur.

Rati minimi ta' paga għal impjegati whole-time.

4. Il-paga minima fil-ġimgħa pagabbli lill-impjegati whole-time għandha tkun kif ġej:

(i) impjegati industrjali €229.44;

(ii) impjegati mhux industrjali:

matul l-ewwel (1) sena ta' impjieg fl-istabbiliment	€229.44;
matul it-tieni (2) sena ta' impjieg fl-istabbilimient	€231.77;
matul it-tielet (3) sena ta' impjieg fl-istabbiliment	€234.10;
matul ir-raba' (4) sena ta' impjieg fl-istabbiliment	€238.76.

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

Il-ħin ta' mistrieħ minimu kuljum.

6. L-impjegati whole-time kollha, għajr l-għassiesa, għandu jkollhom intervalli għall-ikliet u għall-mistrieħ ta' mhux anqas, b'kollox, minn siegħa (1) kuljum:

Iżda l-intervall għall-ikla ta' nofs in-nhar ma għandux ikun itwal minn sagħtejn (2).

Il-mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ir-rati minimi ta' sahra.

8. (1) Is-sahra għandha titħallas lill-impjegati whole-time

kollha, għajr l-għassiesa u l-kurrier jew lir-rappreżentant:

(a) għall-ħin kollu maħdum barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali kif stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 ta' din l-ordni bir-rata ta'	ħin u nofs;
(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn disa' (9) sigħat f'kwalunkwe ġurnata waħda (1), esklużi r-rati mħallsa skont il-paragrafu (a), u għal kull xogħol maħdum wara s-1.00 p.m. fil-ġurnata tas-Sibt, bir-rata ta'	ħin u nofs;
(ċ) għall-ħin kollu maħdum fil-Ħdud u fil-festi tas-soltu, bir-rata ta'	ħin doppju.

(2) Il-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ma għandhomx japplikaw għall-impjegati fuq xogħol ta' xift billejl.

(3) Ir-rati ta' sahra għal kurrier jew rappreżentant għandhom jitħallsu kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa f'ġimgħa ta' sitt (6) ijiem jew seba' (7) sigħat f'kwalunkwe ġurnata waħda (1).....	ħin u nofs;
(b) għall-ħin kollu maħdum fil-festi tas-soltu u fil-ġurnata tal-mistrieħ tal-ġimgħa	ħin doppju.

9. L-impjegat għandu jkun intitolat għal allowance għal xift ta' billejl ta' wieħed minn tletin (1⁄30) tal-paga tiegħu fil-ġimgħa għal kull xift li jaħdem ta' billejl, iżda l-allowance minima ta' minn wieħed minn ħmistax (1⁄15) tal-paga fil-ġimgħa għandha titħallas f'kwalunkwe ġimgħa waħda (1) li fiha jiġi mwettaq xift ta' billejl. Allowance għal xift ta' billejl.

10. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

B 1298

Leave għal mard.

11. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax (15)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt għal-leave għal mard *pro rata* f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(3) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax(15)-il ġurnata ulterjuri leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għall-mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal

mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħuli jiċċertifika li l-impjegat ma kienx tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(5) Id-dritt ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87.

12. Għall-finijiet tal-artikolu 10 u 11, kwalunkwe perjodu ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard li ma jeċċedix tletin (30) ġurnata ma jinterrompix il-kontinwità tas-servizz. Interruzzjoni ta' impjieg.

13. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att. Tipi ta' leave oħra. L.S. 452.101.

14. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi ta' l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u l-Assikurazzjoni u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u Assikurazzjoni biex jirregola l-Pagi huma b'dan imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom. Tħassir u riżervi. L.S. 452.33. L.S. 452.58.